- *Art. 166 tal-Kap. 12 – kontumaċja - fair hearing*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 11 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 53/2021 GM**

**Maria Magdalena Sultana (lD 584676M)**

**vs**

1) **Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza.**
2) **Reġistratur tal- Qrati u Tribunal Ċivili;**
3) **L-Avukat tal-Istat; u**
4) **Louis Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Maria Magdalena Sultana (lD 584676M) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1 Permezz tal-ittra uffiċjali numru 46/2017 fuq imsemmija (Dok "A")" fl-ismijiet "Louis Bonnici ID 104665M) vs Maria Magdala Sultana (ID 584676M)" il-preċitat Louis Bonnici (ID 104665M) kien talab għall-ħlas tas-somma ta' dsatax-il elf euro (€19,000) li skont hu kien ċert likwidu u dovut u li tirrappreżenta flus mogħti lill-esponenti minnu f'dawn l-aħħar xhur;

2. Fil-5 ta' Lulju 2017, l-istess ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva, u dan ad insaputa tal-esponenti, u dana wara li, in vista tal-kundizzjoni medika li għandha u li tirriżulta mill-anness ċertifikat li qed jiġi mmarkat bħala Dok 'F', l-esponenti la kienet konxja li kienet irċeviet l-istess ittra uffiċjali u lanqas ma kienet konxja tal-fatt li hi trid twieġeb għaliha fir-Reġistru ta' dina l-Onorabbli Qorti, u għalhekk hi baqgħet rna weġbitx għall-istess ittra uffiċjali (Dok. "A") entro t-terminu mogħti mil-liġi;

3, Permezz tal-mandat ta' sekwestru numru 1021/2017 (Dok. 'B'), l-mandat ta' qbid bin-numru 1023/2017 (Dok. "C"), it-tnejn ippreżentati fl-ismijiet premessi fit-12 ta' Lulju 2017, l-imsemmi Louis Bonnici eżegwixxa l-preċitata ittra uffiċjali kontra l-esponenti, u kien biss konsegwenza tal-eżkuzzjoni ta' dawn il-mandati li l-esponent għadha kemm saret taf b'dan kollu;

4. Għalkemm l-esponenti ġja tablet lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-preċitata ittra uffiċjali numru 46/2017 fl-ismijiet premessi (Dok 'A') u anke tal-preċitati mandat ta' sekwestru numru 1021/2017 (Dok. 'B') u ta' atti eżekuttivi oħra li jkunu bażati fuq il-preċitata ittra ufiċjali bin-nurmu 46/2017 fl-ismijiet premessi (Dok 'A') u tiddikjara bħala null u mingħajr effett l-istess preċitata ittra uffiċjali hekk kif reża eżegwibbli u tirrexindi t-titolu eżekuttiv ottjenut permezz tal-istess preċitata ittra ufiċjali (Dok 'A') u daqstant ieħor tiddikja bħala null u mingħajr effett l-istess preċitat mandat ta' sekwestru numru 1021/2017 (Dok 'B') u preċitat mandat ta' qbid bin-numru 1023/2017 (Dok. "C"), permezz tas-sentenza tal-Onorabbli Priom' Awla tal-Qorti Ċivili tat-218 ta' Frar 2018 (Dok 'D') hi ċaħħdet it-talbiet tal-esponenti mingħajr raġuni valida.

5, Inoltre, l-esponenti interponiet appell mill-istess sentenza tat-28 ta' Frar 2018, iżda b' sentenza tas-27 ta' Jannar 2021 (Dok 'E') l-Onorabbli Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-esponenti.

6, Anke jekk verament tassew kien minnu dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell, xorta waħda, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 741(b) tal-Kap 12.

7. Dan ingħad, xorta waħda it-titolu eżekuttiv ottenut bil-preċitata ittra uffiċjali numru 46/2017 fl-ismijiet "Louis Bonnici (ID 104665M) vs Maria Magdala Sultana (ID 584676M)" inkiseb bi ksur tal-jedd fondamentali għal smigħ xieraq spettanti lir-rikorremti u mħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni stante illi l-esponenti qatt ma ingħatat smigħ xieraq qabel ma ġia ingħata l-istess titolu eżekuttiv ottenut bil-preċitata ittra uffiċjali numru 46/2017 u b'hekk baqgħet mingħajr rimedju sabiex twaqqa' t-titolu eżekuttiv li nkisseb kontriha.

8, Anke l-prvvedimenti tal-Artikolu 166A tat-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kisru u jiksru l-jedd fondamentali għal smigħ xieraq tar-rikorrenti u mħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, anke inkwantu li filwaqt f'kawża ordinarja huwa l-attur li għandu jipprova dak kollu li jallega, anke f'każ ta' kontumaċja u dan kollu jiġi soġġett għas-skrutinju tal-ġudikant, dan ma jseħħx f'każ ta' ittra uffiċjali spedita a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12.

9. Difatti illi a tenur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzjoni ta' Malta "*Kull qorti iew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbiiġi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*"

10. Inoltre, skont 1-artikolu 6 Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, cioe' tat-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tat-Liġiliet ta' Malta "*Fid-deċiżjoni tad-drittiiiet ċivili u tal-obbliġi tiegħu jew ta' xi akkużi kriminati kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.. ;'*

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1) Tordna u tiddeċiedi illi l-proċedura u t-titolu eżekuttiv ottenut bil-preċitata ittra uffiċjali numru 46/2017 fl-ismijiet "Louis Bonnici (ID 104665M) vs Maria Magdala Sultana (ID 584676M)" u anke l-provvedimenti tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kisru l-jedd fondamentali għal smigħ xieraq tar-rikorrenti u mħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 ta l-Kostituzzjoni;

2) Tikkanċella u tannulla t-titolu eżekuttiv ottenut bil-preċitata ittra uffiċjali numru 46/2017 fl-ismijiet "Louis Bonnici (ID 104665M) vs Maria Magdala Sultana (lD 584676M)" stante illi dan ingħata bi ksur tal-jedd fondamentali għal smigħ xieraq tar-rikorrenti u mħares taħt 1-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni; u

3) Tagħti kull rimedju xieraq u meħtieġ ieħor li jidhrilha xieraq sabiex jagħmlu tajjeb għall-imsemmi ksur, billi fost ħwejjeġ oħra tillikwda d-danni a favur tar-rikorrenti.

Rat ir-Risposta tal-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l- Governanza u tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Preliminarjament, il-Ministru għall-Ġustizzja, 1-Ugwaljanza u l-Governanza mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali;

2. Mingħajr preġudizzju u preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti kellha proċeduri u rimedji ordinarji xierqa a disposizzjoni tagħha sabiex tattakka 1-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-artikolu 166A iżda għal xi raġuni rriżulta li dawn il-proċeduri taħt l-artikolu 166A ma ġewx utilizzati mir-rikorrenti. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti qed tiġi mistiedna sabiex rna teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha fid-dawl tal-artikoli

46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fid-dawl ta' sensiela ta’ sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli fosthom: Maria sive Mathese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et deċiża fit-30 ta’ Settembru 2010 u aktar tard ikkonfermata fl-appell fil-11 ta' April 2011 u dik tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Tereża Camilleri vs Reġistratur taż-Żwiġijiet maqtugħa fis-6 ta' April 2009. L-esponent jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li minkejja li l-ittra uffiċjali ġuramentata mertu ta' dan il-każ ma ġietx attakkata, ċertament li minn dakinhar lil hawn, il-proċeduri rnin-naħa tar-rikorrenti ma hedewx;

3, Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, fil-mertu, l-esponenti jqisu li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jeżisti l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali għal srnigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvezjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan kif ser jiġi muri aħjar fil-mori ta’ din il-kawża

4, Jidher li r-rikorrenti qed tiftah tali proċeduri għaliex issa waslet f’ punt fejn ma tista' tagħmel xejn iktar u qed tittanta taqbad ma’ kull tibna sabiex tipprova b'kull rnod twaqqa' t-titolu eżekuttiv ta' tali ittra uffiċjali u 1-validita' ta1-mandati 1i ġew 'maħruġa a bażi ta' tali titolu eżekuttiv.

5. Mhix il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li ssir qorti ta' reviżjoni għal digrieti jew deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew, tribunali ordinarji li jmorru oltre d-disposizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;

6. L-għan wara l-artikolu 166A huwa speċifiku u jindirizza sitwazzjonijiet speċjali u partikolari. Mhux xieraq li għax id-disposizzjonijiet tal-artikolu 166A għal xi raġuni ma ġewx utilizzati mir-rikorrenti biex permezz tagħhom tirribatti għal dak li ddikjara taħt ġurament il-kreditur, tippretendi li dan l-artikolu jiġi allura ddikjarat minn din l-Onorabbli Qorti bħala li jikser id-drittijiet fundamentali tagħha. Bla dubju ta' xejn, kieku r-rikorrenti mxiet skont it-termirri tal-artikolu 166A u wieġbet fiż-żmien mitlub mil-liġi, żgur li na konniex ser naslu s'hawn;

7, Dan ifisser allura li ġaladarba l-artikolu 166A ta l-fakulta’ lir-rikorrenti li twieġeb u tirribatti fi żmien raġonevoli għal dak li kien qed jitlob minnha l-kreditur, tali liġi żgur li ma tiksirx id-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. F'dan is-sens tapplika ħafna s-segwenti massima latina: “Viġilantibus Et Non Dormientibus Jura Subveniunt” li b’ilsienna tfisser 1i l-liġi tassisti lil dawk li huma viġilanti mad-drittijiet tagħhorn u mhux lil dawk li jorqdu fuqhom. Għalhekk, ir-rikorrenti tista’ biss tlum lilha nnifisha talli raqdet fuq id-drittijiet tagħha u l-esponent huwa tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tissanzjona tali aġir:

Rat ir-Risposta tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. In linea preliminari r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali m'huwiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

2. Jiġi rilevat li f'dan il-każ ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hi qed tattribwixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, għal xi nuqqas min-naħa tal-amministrazzjoni tal-Qrati rappreżentata mill-esponenti u għalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Jidher li r-rikorrenti qiegħda tikkontesta l-proċedura u l-provvedimenti tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u minn dan l-aspett żgur li ma jistax iwieġeb jew jiġi tenut responsabli l-esponenti.

4. F'dan il-kuntest ssir riferenza għal kawża fl-ismijiet Carmelo sive Charles Delia et vs Reġistratur tal-Qrati et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Reġistratur u tad-Direttur tal-Qrati speċifikatament intqal li r-Reġistratur tal-Qrati m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem i1-Qorti.

5, In oltre l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u għalhekk żgur li, l-ilmenti tar-rikorrenti mhux tort tal-esponenti li la kien parti fil-proċeduri u lanqas edott minn nuqqasijiet jew problemi li setgħu inqalgħu matul il-proċeduri u għaldaqstant il-ksur lamentat mir-rikorrenti żgur li mhux tort tal-esponenti.

6, In oltre ssir rrferenza għas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet Dr Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Ġenerali Qrati et;

7. Fil-meritu l-eċċipjenti jirrileva illi ma kien hemm ebda ksur kif lamentat mir-rikorrenti u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-Risposta ta' Louis Bonnici (ID 104665(M)) li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament, l-intimat qiegħed jistieden formalment li din l-Onorabbli Qorti tapplika d-disposti tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll l-artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta, Malta, u b'hekk tqis it-tqanqil ta' dan l-ilment bħala wieħed sempliċement frivolu u vessatorju. Dan qiegħed jingħad għaliex, tassew, u f'ġieħ is-sewwa għandu jirriżulta ċar li l-ilment imressaq ma huwa xejn salv trivjalizzazjoni ta' proċeduri Kostituzzjonali u Konvenzjonali u jimmeritaw li jieqfu hawn, f'dan l-istadju.

2, Mingħajr preġudizzju, minn qari tar-rikors huwa ċar li dak li qiegħda tagħmel ir-rikorrenti hija sempliċiment li tappella mill-proċeduri diġa' meħuda minnhom

(iffinalizzati mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri). Tassew jingħad li proċeduru ta' din ix-xorta m'għandhomx jiġu abbużati b'dan il-mod.

3, Mingħajr preġudizzju, u kif diġa' indikat fl-eċċezzjoni enumerata tnejn (2), ir-rikorrenti diġa' ħejjiet proċeduri sabiex tattakka kemm l-ittra a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll il-mandati hemm indikati. Jekk r-rikorrenti ma kinitx vinċitriċi f'dawk il-proċeduri, dan ma jfissirx awtomatikament li kien hemm leżjoni tad-drittijiet ilmentati minnha. Anzi, b'hekk huwa ovvju li r-rikorrenti kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedji ordinarji oħra u għalhekk din il-Qorti hija wkoll mistiedna tiddeklina milli teżerċita l-funzjoni tagħha, kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u kemm taħt il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

4, Mingħajr preġudizzju għal-eċċezzjoni preċedenti, wara kollox, kienet ir-rikorrent stess li raqdet fuq id-drittijiet tagħha billi m'għamlitx in-nota appożita sabiex tiġġieled il-kontenut tal-ittra uffiċjali. Għalhekk, frankament, *imputet sibi*. Minflok, l-intimat ġie rinfaċċjat b'dawn il-proċeduri straordinarji.

5, Mingħajr preġudizzju u fil-mertu, r-rikorrenti ma sofriet l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet lamentati minnha. Huwa tassew inkreddibli kif ir-rikorrenti qiegħda tilmenta minn dan, meta għamlet snin twal bi proċeduri appożiti sabiex tattakka din l-ittra u l-eżekuzzjoni tagħha. Kull proċedura li għamlet juri li hija kellha kull aċċess għall-Qrati tagħna, liema Qrati dejjem mxew bl-indipendenza u imparzjalita' rikjesta.

Rat l-atti tal-ittra uffiċjali taħt l-Art. 166A bin-numru 46/17 u l-appell numru 684/17 JA deċiż fis-27 ta' Jannar 2021.

**Fatti:**

Ir-rikorrenti ġiet regolarment notifikata b'ittra uffiċjali a tenur tal-Art. 166A tal-kodiċi ta' proċedura. Ħalliet jgħaddi t-terminu ta' 30 jum li l-liġi tagħtiha biex titlob li tiġi respinta t-talba. Għalhekk l-ittra ssarrfet f'titolu eżekuttiv u nħarġu mandati eżekuttivi ta' sekwestru u ta' qbid kontra r-rikorrenti.

Hija ppruvat tattakka l-validita` tal-ittra uffiċjali u tal-atti eżekuttivi quddiem din il-Qorti fil-kompetenza ordinarja tagħha (u mhux quddiem il-Qorti tal-Maġistrati

kif mitlub mil-liġi) mingħajr suċċess. L-Onorabbli Qorti tal-Appell ċaħdet appell li r-rikorrenti għamlet mis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippreseduta).

**L-ilment:**

Permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti qiegħdha titlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-Art. 166A u l-proċedura li wasslet għall-ħruġ tat-titlu eżekuttiv kontriha jiksru d-dritt ta' smigħ xieraq imħares bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

Tgħid li ma weġbitx l-ittra uffiċjali minħabba li ma kinitx konxja minnha minħabba kundizzjoni medika li tallega li kellha.

Issostni li f'kawża ordinarja huwa l-attur li għandu jipprova dak li jallega li anke jekk il-konvenut ikun fi stat ta' kontumaċja, ikun soġġett għall-iskrutinju tal-Qorti. Dan ma jiġrix fil-każ tal-ittra *ex*- Art.166A. Skontu, it-talbiet tal-attur qatt ma ġew sindakati minn Qorti skont il-liġi. Id-disposizzjoni in kwistjoni ma tagħtix fakulta` li d-debitur jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti:**

Ikkunsidrat:

Il-proċedura tal-Art. 166A inħolqot fi żmien riċenti mil-leġislatur u hija waħda sa ċertu punt innovattiva fl-ordinament proċesswali tagħna. Din tixbaħ lil proċedura li Chiovenda jpoġġi fil-kategorija ta' "*accertamenti con prevalente funzione esecutiva*". Hija kompatibbli mal-għażliet li jagħmel il-leġislatur li jipprivileġġja l-interessi pubbliċi taċ-ċertezza, il-ħeffa u l-ekonomija tal-ġudizzji. L-iskop tagħha hu li min-naħa l-waħda tissodisfa l-ħtieġa li jinkiseb, b'mod kemm jista' jkun mgħaġġel, it-titlu eżekuttiv u flimkien miegħu l-eżekuzzjoni forzata u min-naħa l-oħra jiġu mħarsa l-garanziji tal-kontradittorju.

Fil-liġi Taljana, dan isir billi l-proċediment jinqasam f'żewġ stadji. L-ewwel fażi ssir b'inizjattiva ta' min jippretendi li huwa kreditur u tiġi konkluża b'digriet li jagħti titlu eżekuttiv *inaudita altera parte.* It-tieni fażi tista' ssir b'inizjattiva tad-debitur inġunt li fiha jista' f'terminu fiss, jopponi d-digriet, bil-garanziji kollha tal-kontradittorju. Permezz ta' din il-proċedura, il-kreditur jiġi sodisfatt malajr, sakemm l-intimat ma jkunx konvint li għandu jieħu l-inizjattiva li jopponi għad-digriet. Hawnhekk għandna inverżjoni tal-inizjattiva dwar il-bidu tal-fażi tal-kontradittorju, li jibdiha (jekk irid) il-pretiż debitur minflok il-pretiż kreditur. Madanakollu l-potenzjal tal-kontradittorju u tal-aċċess għall-Qorti imparzjali u indipendenti hemm jibqa'.

Fil-liġi Maltija, il-proċedura, għalkemm, kif ingħad, tixbaħ lil dik Taljana, mhix identika. Fil-proċedura skont l-Art. 166A, ma jsir xejn mingħajr ma tinstama' l-parti l-oħra, li għandha 30 jum biex twieġeb **qabel** ma' l-ittra uffiċjali ssir titlu eżekuttiv (kuntrarjament għal-liġi Taljana). Dan il-parti tista' tagħmlu b'mod informali ħafna, saħansitra mingħajr il-ħtieġa li tingħata raġuni għall-oppożizzjoni. Għalhekk il-proċedura Maltija tiffavorixxi iktar lill-pretiż debitur saħansitra <u>fl-istadju ta' qabel</u> ma' l-ittra ssir titlu eżekuttiv.

Jekk ma ssir l-ebda oppożizzjoni fiż-żmien ta' tletin jum, hemm ukoll opportunita` limitata għal oppożizzjoni anke **wara** jekk id-debitur ma kienx notifikat kif imiss inkella l-ittra uffiċjali tkun nieqsa minn ċerti ħtiġijiet stipulati mil-liġi (Art. 166A(5)). Iżda **ma tistax issir oppożizzjoni fuq raġunijiet oħrajn** (Art. 166A(6)). Huwa minnu għalhekk li r-rikorrenti ma setgħetx, f'dan it-tieni stadju tal-proċedura, tiġġustifika l-kontumaċja tagħha minħabba mpediment ta' natura medika.

Filwaqt li l-ewwel stadju tal-liġi Taljana huwa iktar ristrett minn dak ta' Malta, bil-kontra, it-tieni stadju tal-liġi Taljana huwa iktar favorevoli għall-intimat minn dak ta' Malta. Skadut inutilment it-terminu ffissat fid-digriet, **Art. 650 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili Taljan** xorta jagħti opportunita` lill-intimat li jopponi għall-eżekuzzjoni "*se prova di non averne avuta tempestiva conoscenza per irregolarita` della notificazione* (din bħal-liġi tagħna) *o per caso fortuito o forza maggiore* (b'differenza mil-liġi tagħna). Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana "*ha precisato che l'intimato che alleghi tali impedimenti, onde evitare la decadenza dell'opposizione, ha l'onere di provare le relative vicende e la loro specifica ostativita` alla tempestivita` dell'opposizione* (C 78/2720)".[1]

Ir-rikorrenti ssostni li kellha kundizzjoni medika (ta' natura mentali) li ma ħallithiex twieġeb fil-ħin. Kull ma ġabet bħala prova huwa ċertifikat mediku ta' *family physician,* datat 24 ta' Lulju 2017, li esebiet fotokopja tiegħu f'dawn l-atti u l-oriġinal bħala Dok D a fol 30 tal-proċess 684/17JA. Dan iċ-ċertifikat mhux ikkonfermat bil-ġurament. Fl-istess kawża, xehdet fl-24 ta' Jannar 2018 (fol 57) hekk: "Għandi, għandi, ġibt id-dokumenti kollha. Għandi l-psikjatra, Dr. Mark

---

[1] *Iċċitata fil-Commentario Breve al Codice di Procedura Civile 7th ed. G. Cian u A. Trabucchi (2012), paġna 2377.*

Xuereb, ukoll qiegħed imsiefer biex isostni dak li qed ngħid". Esebiet fotokopja t'appuntament għal test mediku f'Mount Carmel Hospital datat 30 ta' Lulju 2013 (fol 49) u fotokopja informi ta' riċetta għall-medicini maħruġa mill-Isptar Mater Dei, iffirmata minn Dr. Ethel Felice, *Consultant Psychiatrist*, u li tgħid li l-pazjenta ssofri minn Bipolar Disorder, datata 16 ta' Mejju 2017 (fol 51). Ix-xhud stqarret li kellha fil-pussess tagħha l-oriġinali iżda l-Qorti f'dik il-proċedura eżentatha mill-ħtieġa li tesebixxi l-oriġinali.

Fil-proċedura preżenti, la ġie esebit xi ċertifikat mediku maħluf u lanqas ittella' jixhed xi tabib. Il-liġi tesiġi li tinġieb l-aħjar prova. Dan mhux b'xi kapriċċ imma biex il-Qorti tkun tista' tistrieħ fuq fatti stabbiliti bl-ogħla grad ta' ċertezza li tista' tiġi akkwistata fiċ-ċirkostanzi. In-nuqqas li tiġi prodotta l-aħjar prova tqanqal is-suspett li l-parti li kellha tipproduċiha naqset li tagħmel hekk għax kellha interess li l-aħjar prova ma ġġibhiex a konjizzjoni tal-Qorti. Ir-rikorrenti anqas ma pproduċiet xi psikjatra li kkuraha, li kien jiċċertifika għas-sodisfazzjon tal-Qorti x'jistgħu ikunu l-effetti tal-*bipolar disorder* in ġenerali (li jimmanifesta ruħu fi spettru sħiħ ta' forom u ta' severita`) u x'kienu fil-fatt l-effetti fuq ir-rikorrenti; kemm kienu severi; u jekk u kif illedew il-kapaċita` volittiva tagħha b'mod li ma kinitx kapaċi tiddefendi lilha nnifisha. Biex topponi, ir-rikorrenti kellha terminu twil ta' 30 jum u setgħet tirrispondi b'kull mod, bi proċedura mill-iktar sempliċi, mingħajr il-ħtieġa tal-assistenza ta' avukat. Imbagħad hekk kif irċeviet il-mandati, ir-rikorrenti attakkat il-proċedura eżekuttiva kontriha b'mod assidwu u ma wriet l-ebda xkiel fil-kapaċita` (mentali) tagħha li tkun leġittimarja attiva fi proċeduri ġudizzjarji. Għalhekk il-Qorti m'għandhiex prova konvinċenti li t-tħaddim tal-liġi mpedixxa lir-rikorrenti milli ssemma' leħinha fil-Qorti fiż-żmien ta' 30 jum konċess mil-liġi.

Fl-assenza ta' din il-prova, l-Qorti m'għandhiex għalfejn tikkunsidra l-kweżit jekk in-nuqqas tal-liġi li tipprovdi għall-purgazzjoni tal-kontumaċja fil-proċedura tal-166A jammontax għal ċaħda tad-dritt għal smigħ xieraq, anke jekk huwa rakkomandabbli li l-leġislatur jieħu nota ta' din is-sitwazzjoni legali.

**Leġittimi kontradittturi:**

It-talbiet tar-rikorrenti huma diretti kontra l-liġi u t-tħaddim tagħha. Għalhekk l-ebda Ministru partikolari ma jwieġeb għalihom. Ir-Reġistratur tal-Qrati ma kellu l-ebda kontroll fuq dawn il-proċeduri partikolari u lanqas kiser xi liġi fir-rigward. Fit-tieni lok, m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati[2]. Għalhekk iwieġeb għat-talbiet l-Avukat tal-Istat.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tillibera lill-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili mill-osservanza tal-ġudizzju u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż a kariku tagħha.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

---

[2] Carmelo Delia v. Registratur tal-Qrati 25.04.1990 Qorti Kostituzzjonali.